MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2003

Numru. 268/2003

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)
vs
Akram Faraj S Hawedi u
Mohamed Faraj Saleh Hwidi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra z-zewg imputati fuq imsemmija Akram Faraj S Hawedi detentur tal-passaport Libjan Nru 296310 u Mohamed Faraj Saleh Hwidi detentur tal-passaport Libjan Nru 489342-2001, li permezz taghhom huma gew akkuzati :
(a) Talli nhar il-21 ta' Marzu 2003 fil-hanut Sound Machine li jinsab fi Pjazza Antoine De Puale, Rahal Gdid, ikkommettew s-serq ta' video camera, ghamla Samsung, mudell VPL-700 u bin-numru tas-serje 67CW120131, liema video camera tiswa LM230, ghad-detriment ta' Mark Pierre Galea minn Rahal Gdid, liema serq hu kkwalifikat

bil-valur u dana bi ksur ta' l-Artikolu 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) U aktar talli fl-24 ta' Marzu, 2003 mill-hanut Audio Phonic li jinsab fi Triq Santa Maria Hal Tarxien ikkommettejtu s-serq ta' video camera ta' l-ghamla Samsung, mudell VP-D811, liema video camera tiswa LM440 ghad-detriment ta' Carmelo Farrugia minn Hal-Tarxien, liema serq hu kkwalfikat bil-valur u dana bi ksur ta' l-Artikolu 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati;

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tal-21 ta' Novembru, 2003 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :
(a) Fl-Artikoli 261 (c), 267 u 279 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 261 (c), 267 u 279 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali;
u semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet liz-zewg imputati debitament assistiti volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom u dan waqt is-seduta tal-28 ta' Novembru, 2003;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Ikkunsidrat :

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja taz-zewg imputati fuq imsemmija issibhom <u>hatja</u> ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u dana

wara li l-Qorti rat l-Artikoli imsemmija fin-Nota ta' l-Avukat Generali tal-21 ta' Novembru, 2003.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru, 2003 illi peress illi z-zewg imputati kienu inqabdu fil-fatt il-video camera tal-ghamla Samsung mudel VPD811, liema video camera tiswa erba' mija u erghin lira kienet giet rikuperata mill-pulizija u illi ma instabitx biss il-video camera ghamla Samsung mudell VPL700 numru tas-serje 67CW120131, liema video camera tiswa mitejn u tletin lira. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll, dejjem ghal fini ta' piena, il-fatt illi z-zewg imputati imsemmija ilhom karcerati mill-25 ta' Marzu, 2003. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 filwaqt illi tikkundanna liz-zewg imputati fuq imsemmija ghall-prigunerija ta' sena tordna illi din il-piena ta' sena habs tkun sospiza ghal sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spejgat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghhom skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu operativ ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali u torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta' multa ta' mitt lira kull wiehed ghal perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum milli b'xi mod jimmolestaw jew idejqu aktar lil Mark Pierre Galea minn Rahal Gdid jew lil Carmelo Farrugia minn Hal Tarxien.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------